**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**9 ta' Marzu 2025**


## Il-Kelma tal-Arċipriet

Nhar l-Erbgħa bdejna l-mixja tar-Randan Imqaddes u ħafna minna nġbarna flimkien għall-quddiesa li fiha lkoll kemm aħna rċivejna t-tqegħid tal-irmied fuq rasna. U f'dak il-mument is-saċerdot lissen dan il-kliem: "Ftakar bniedem, li trab kont u trab trid terġa' ssir" (Ġen 3,19) jew "Indem u emmen fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1,15). Iż-żewġ frażijiet huma meħuda mill-Iskrittura: l-ewwel waħda meħuda mit-twissja li jlissen Alla lil



Adam u Eva wara li dinbu fil-ġnien tal-Eden u l-oħra hi meħuda mill-kliem ta' Ġesù meta ħareġ ixandar l-Evanġelju wara erbgħin jum ta' talb, sawm u penitenza fid-deżert.

Smajna dan il-kliem f'widnejna fil-bidu ta' dan ir-Randan biex l-ewwel nett nagħrfu ċ-ċokon u l-fraġilità tagħna quddiem ir-realtà iebsa tal-ħajja, li spiss iddaħħalna fit-tiġrib, u filwaqt li jisgħobbina tal-ħażen u l-waqgħat tagħna, induru lejn Alla u nemmnu fl-aħbar it-tajba li hu għandu għalina: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu". (Ġw 3,16-17)

Din hi l-okkażjoni li għandna f'dan iż-żmien ta' grazzja: li nagħmlu l-qalb, nitħabbu mill-ġdid ma' Alla u ma nħossuniex iktar mitlufin qalb dinja mqallba li tiġri 'l quddiem bla direzzjoni, imma ningħaqdu miegħu biex induqu s-salvazzjoni u nibdew minn issa ngħixu ħajja sabiħa li tibqa' sħiħa għal dejjem.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

### AVVIŻ LIR-REFFIEGĦA U TAL-FORĊINI TAL-ISTATWI FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Ir-Reffiegħa u tal-Forċini li ta' kull sena jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll oħrajn ġodda li jixtiequ jibdew jieħdu sehem, huma mitluba sabiex jikkuntattjaw rispettivament lil wieħed minn dawn il-membri, sabiex jinkitbu u jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom, sal-**Ħadd 30 ta' Marzu**.

**Il-Vari - Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani, il-Bewsa ta' Ġuda**
ikellmu lil Dennis Muscat fuq in-numru 79552445

**Il-Vari - Il-Marbut u l-Ecce Homo**
ikellmu lil Charlie Xuereb fuq in-numru 21552151 jew 99002151

**Il-Vari - Iċ-Ċaħda ta' Pietru u l-Veronika**
ikellmu lil Joe Muscat fuq in-numru 99429962

**Il-Vari - Ġesù Redentur, il-Vara l-Kbira, il-Monument u d-Duluri**
ikellmu lil Lino Curmi fuq in-numru 79565493

### L-ewwel ġabra għall-Festa mill-Banda Mnarja

Il-Banda Mnarja se tibda tagħmel l-ewwel ġabra għall-festa li ġejja minn nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu. Huwa importanti li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu biex issir festa li tixraq lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Ta' kull sena l-Banda tħallas il-marċijiet kollha li jsiru fil-ġranet tal-festa. Il-ġbir huwa ferm inqas mill-ispejjeż tal-baned fil-festa għalhekk nitolbukom tkunu ġenerużi. Grazzi bil-quddiem tad-donazzjonijiet tagħkom.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu fl-okkażjoni tas-sena tal-Ġublew ser immorru ta' Pinu u wara Marsalforn. Tluq fid-9.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 / 79923153.

**Eżerċizzi għaż-żgħażagħ (18+)**

Dawn ser isiru nhar l-**Erbgħa 12, il-Ħamis 13 u l-Ġimgħa 14 ta' Marzu fit-8.00pm**, ġewwa s-sala tas-Seminarju Maġġuri, ir-Rabat. L-eżerċizzi ser jitmexxew mill-Isqof tagħna u t-tema hija: **"Il-Quddiesa? Outdated!"**

### SEJĦA GĦAL ABBATINI ĠODDA

Il-parroċċa qed terġa' tiftaħ l-istedina lit-tfal subien kollha minn Year 3 'il fuq sabiex jidħlu jagħmlu parti mill-grupp tal-abbatini li joffru s-servizz tagħhom fil-funzjonijiet kollha tal-Knisja tagħna. Il-ġenituri li jixtiequ li wliedhom ikunu abbatini jistgħu jkellmu lil Dun Reuben Micallef jew lill-Arċipriet.

